MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 38/2003

**L-Avukat Dottor Grazio Mercieca**

**vs**

**Joe Vella, John Vella, Carmelo Vella, Paul Vella, Saviour Vella, Catherine Vella, Bernardette Vella, Jane Hili, Gorgina Camilleri, Maria Vella, Ivan Bonnici, Joe Bonnici, Mariosa Bonnici u APS Bank Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 t'April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1226.36) bilanc dovut mill-eredita' tal-mejjet Francesco Vella, rapprezentanti spejjez u drittijiet professjonali resi mill-attur in konnessjoni ma' l-ippatrocinar ta' Francis u Victoria konjugi Vella, li taghhom huma ko-werrieta, f'tilwima mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni rigward hlas ta' taxxa inkluz appell quddiem il-Bord tal-Kummissarju Specjali fl-ismijiet

"Francis Vella vs Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni" (Kaz. Numru 1/1997) deciz fis-7 ta' Settembru, 2001; u
Tikkundannahom ghall-hlas ta' l-istess ammont mid-depoziti li hemm fil-bank konvenut f'isem Victoria Vella.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta APS Bank Ltd. prezentata fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn intqal:

i. Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jissottometti li m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-vertenza li hemm bejn il-partijiet l-ohra u l-presenza tal-bank ma kienetx mehtiega ghall-iskopijiet ta' integrita' tal-gudizzju. Dan billi l-kanonizzazzjoni tal-kreditu hija haga u l-esekuzzjoni ta' l-eventwali titolu hija konsiderazzjoni kompletament diversa;
ii. Illi l-posizzjoni tal-Bank dejjem kienet li ma jistax jirrilaxxja flus appartenenti lill-eredita' minghajr il-kunsens ta' l-eredi kollha jew minghajr ordni minn xi awtorita' legittima;
iii. Illi ghalhekk fi kwalunkwe kaz il-bank ma ghandux ibati l-ispejjez;
iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra r-risposta ta' Carmelo Vella prezentata fis-6 ta' Gunju, 2003 fejn intqal:

i. Illi l-esponenti jeccepixxi n-nullita' u l-irritwalita' tal-kawza odjerna stante illi l-attur ghandu l-privilegg tad-drittijiet professjonali illi huwa moghti mill-ligi u li huma esegwibbli minghajr il-htiega illi ssir kawza, privilegg illi l-attur ghazel illi ma juzax izda minflok ghamel din il-kawza. Inoltre, l-fatt illi l-attur ghamel il-kawza jpoggi lill-konvenut fl-impossibilita' illi huwa jattakka l-istess taxxa fit-terminu illi taghti l-Ligi;
ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi fil-kamp civili s-solidarjeta' tal-ko-debituri ma hix implicita izda trid tkun espressa u miftiehma bejn l-istess kreditur u l-ko-debituri. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ftehim f'dan ir-rigward bejn il-partijiet u ghalhekk din is-solidarjeta' ma tezistix;

iii. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent jeccepixxi illi, ghalkemm huwa qatt ma kien informat dwar il-kawza illi qed jintalab il-hlas ghaliha mill-attur, huwa qatt ma oggezzjona illi huwa jhallas is-sehem tieghu mill-ammont tal-hlas dovut lill-attur. Tant hu hekk illi fil-fatt huwa diga hallas is-sehem tieghu u dan il-hlas ilu li sar diversi xhur. Kien il-konvenut CarmeloVella biss illi hallas lill-attur;
iv. Illi l-attur stess fid-dikjarazzjoni tieghu iddikjara illi huwa diga' thallas mill-konvenut Carmelo Vella;
v. Illi ghaldaqstant l-esponent jeccepixxi illi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju;
vi. Illi ghalhekk l-esponent fi kwalunkwe kaz il-konvenut Carmelo Vella ma ghandux ibati l-ispejjez f'din il-kawza;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra n-nota tal-konvenuti Joe Vella, John Vella, Paul Vella, Saviour Vella, Catherine Vella, Bernardette Vella, Jane Hili, Gorgina Camilleri, Maria Vella, Ivan Bonnici, Joe Bonnici u Mariosa Bonnici, prezentata fit-12 ta' Mejju, 2003, li biha ammettew it-talba attrici.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Grazio Mercieca u ra l-affidavit ta' Dr. Antoine Fiott. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra l-verbal tas-7 ta' Lulju, 2003, li fih Dr. Monica Vella ghall-konvenut Carmelo Vella, iddikjarat illi l-istess konvenut kien fil-fatt hallas sehmu mid-drittijiet fl-24 ta' Settembru, 2002, u ddikjarat li kemm-il darba jsir il-hlas ta' dak illi qed jigi mitlub dana jista' jsir mill-fond fl-isem ta' Victoria Vella fl-APS Bank u dana fir-rigward biss ta' sehem Carmelo Vella b'dana wkoll illi kemm-il darba l-hlas ta' dan is-sehem isir kif inghad tibqa' l-kundizzjoni li s-somma gja mhallsa f'Settembru, 2002 tigi rifuza lura lil Carmelo Vella.

Ikkunsidra:

1. Illi hemm ammissjoni da parti tal-konvenuti Vella, inkluz Carmelo Vella, illi l-ammont mitlub huwa dovut lill-attur. Il-konvenut Carmelo Vella pero' ddikjara li kemm-il darba jsir il-hlas dan isir mill-fondi li hemm fl-APS Bank mill-fond fl-isem ta' Victoria Vella.
2. Dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Bank konvenut, jidher li l-unika skop l-ghala dan huwa parti fil-kawza huwa minhabba il-fatt li hemm fondi fil-Bank li minnhom jista' jsir il-hlas. Pero' kif sewwa rilevat hawn si tratta ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu, u l-unika skop l-ghala dan qieghed fil-kawza huwa se mai minhabba li l-ordni jista' jinghata sabiex il-fondi jingabru mill-kont ta' Victoria Vella, u dana huwa evidenti aktar mit-tieni eccezzjoni ta' l-istess Bank konvenut.
3. Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Vella li hemm in-nullita minhabba li l-attur ghandu privilegg, ma hemm xejn milli jimpedixxi lill-attur milli jaghzel li jmexxi b'dawn il-proceduri minflok ma jaghzel triq ohra. Ghalhekk l-accezzjoni ma treggix.
4. Dwar it-tieni eccezzjoni, jirrizulta mix-xhieda ta' Antoine Fiott illi d-ditta Pricewaterhouse Coopers kienet giet inkarigata biex taghti s-servizz taghha ghall-appell quddiem il-Bord tal-Kummissari Specjali fl-appell fl-ismijiet "Francis Vella vs Kummissarju tat-Taxxi Nterni". Dana sar ghan-nom tal-konvenuti u ghalhekk lanqas ma treggi it-tieni eccezzjoni sollevata.
5. Jirrizulta li kien hemm fondi fl-APS Bank Ltd., u li Carmelo Vella qabad u hallas lill-attur is-sehem tieghu, u wara irrifjuta li jiffirma sabiex l-attur ikun jista' jithallas mill-fondi li hemm fil-bank fil-kont f'isem Victoria Vella mart Francis.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u fuq ammissjoni tal-konvenuti b'eccezzjoni tal-Bank konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba, jikkundanna lill-konvenuti Joe Vella, John Vella, Carmelo Vella, Paul Vella, Saviour Vella, Catherine Vella, Bernardette Vella, Jane Hili, Gorgina Camilleri, Maria Vella, Ivan Bonnici, Joe Bonnici, Mariosa Bonnici jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1226.36) u jordna lill-bank konvenut APS Bank Ltd., jghaddi l-imsemmija

somma lill-attur mill-fondi fil-kont tal-mejta Victoria Vella mart Francis, salv kull dritt ta' Carmelo Vella sabiex jigi rimbursat ghall-kwalunkwe somma li hareg jekk ikun il-kaz.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejejz ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti, hlief ghall-ispejjez tal-bank konvenut li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut Carmelo Vella.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------